# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti tas-seduta numru għaxra (10/2016) tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi (KLHS) li nżammet nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2016, fl-4:00 pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni..

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |

UFFIĊJALI PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekutittv |

**Minuti**

1. Is-sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba. Il-Kunsill feraħ lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal ħatra tagħha u hija rringrazzjathom.

1.2 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segrertarju Eżekuttiv.

**2. Punti mill-Minuti**

2.1 Il-Viċi sindku, żied fuq il-minuti (ref punt no 1) illi l-misunderstanding li kien hemm minħabba laqgħa li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru 2016 fejn hu ma kienx attenda, din kienet minn naħa tas-Segretarju Eżekuttiv.

2.2 Rigward il-ħasil tal-Pjazza qabel il-Festa (ref punt 3.4) il-Viċi Sindku staqsa jekk l-ilment sarx minn xi ħadd li għadu kemm ġie joqgħod hawn għaliex il-ħasil tal-pjazza ilu jsir. Wara li saret diskussjoni ġie ikkonfermat illi anki din is-sena il-ħasil tal-pjazza sar bħal imgħoddi.
2.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet jekk kienx hemm xi update fuq l-arbli msaddin fi Triq San Tumas (ref punt 3.7), id-Deputat Segretarju kkonfermat illi ntbagħat rapport lill-foreman tal-EneMalta u s-Sindku talab biex tintbagħat *reminder.*
2.4 Il-Kunsillier Carlo Stivala staqsa rigward ir-Reserved Parking (ref punt 4.1). Is-Sindku qal li l-Kunsill kien rċieva talba għal Reserved Parking fi Triq il-Biedja mingħand TM sabiex jaraw jekk il-Kunsill għandux oġġezzjoni u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li TM għamluha dak inhar stess.
2.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx stabbilit l-post fejn ser nagħmlu l-iskips tal-ħwejjeġ (ref punt 7.5). Is-Sindku kkonferma illi l-kunsill ma kienx approva li nġibu l-iskips.
2.6 Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa rigward is-servizz tal-Bulky Refuse (ref punt 7.6). Is-Sindku qal li għal issa m'għamilna xejn minħabba s-sitwazzjoni li qiegħdin fiha. Saret diskussjoni u sar qbil illi jekk s-sitwazzjoni tibqa' kif inhi m'għandnix għażla oħra ħlief li noħorġu tender ġdid.
2.8 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla faħħret is-show taċ-Ċiniżi għaliex kienet veru professjonali. (ref punt 7.2)
2.9 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk twaħħlux xi CCTV kameras oħra fi Triq ta' Gawhar u s-Sindku kkonferma li kull m'għamilna hi li tajniha service, u rranġajna l-kaxxa biex tkun konvenjenti biex tinqala'
2.10 Il-Viċi Sindku qal li Plate Compactor mhux handy u li m'għandnix ħaddiema li kapaċi jaħdmu bih (ref punt 7.18). Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandna naraw jekk hemmx differenza kbira bejn Plate compactor u Romblu secondhand. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu *demostration* sabiex naraw dan ir-romblu tal-idejn kif jaħdem.

**Korrispondenza**

3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet rigward email rigward l-Anzjan tas-sena. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna e-mail sabiex min irid seta' jinnomina għal Premju Anzjan Attiv tas-sena.
3.2 Saqsiet ukoll rigward l-email rigward Darba Waħda. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li konna rċievejna sabiex isaqsu jekk kienx hemm applikazzjonijiet.
3.3 Il-Kunsillier Francis Callus staqsa rigward l-E-Mail mibghutha mingħand Moira Azzopardi. Is-Sindku ikkonferma illi din l-Email kienet tirrigwardja l-ġemellaġġ ma raħal ġewwa Sqallija.

3.4 Il-Kunsillier Carlo Stivala staqsa rigward e-mail fuq Żurrieq Football Nursery. Is-Sindku kkonferma illi kellhom meeting mad-Direttur is-sur Adrian Mifsud rigward l-amalgamation tan-Nurseries.

3.5 Il-Kunsilier Pietru Pawl Busuttil staqsa rigward l-lampa fi Triq in-Nassaba u s-Sindku kkonferma illi kienet saret talba għal bozza ġdida żmien ilu, u kkonferma li din għandha titwaħħal bejn id-djar Dreamer u Kampanella fi Triq in-Nassaba.

3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet dwar ilma rigward Vjal ix-Xarolla u Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal li saret talba flimkien maż-Żurrieq sabiex Vjal ix-Xarolla u Triq il-Kuċċard jiġu Distribution Roads sabiex nevitaw li l-quddiem jkollna spiża għal maintenance. Sa issa bejn Hal Safi u z-Zurrieq għad m'hemmx Distribution Road.

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti

4.1 Il-Kunsill qabel mal-P.A.S. u ġie ffirmat.

4.2 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet għall Payment Approval Sheet.

## 5 Tenders: Update re Handyman

Is-Sindku staqsa kemm għandna nagħtu extension. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonferma li għal fatt li għadha kemm laħqet Deputat għandha bżonn ftit aktar żmien sabiex tkun tista' toħrog t-tender. Il-Kunsill qabel li nagħtu extension ta' xaghar ieħor.

## 6 Sejħa għal Segretarju Eżekuttiv – Ħatra tal-Bord

6.1 Is-Sindku qal li ovjament kellna nistennew li nirċievu uffiċjalment mid-Dipartiment il-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex inkunu nistgħu noħorġu s-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv. Rigward il-Bord peress li d-deputat Segretarju Eżekuttiv kienet ser tikkontesta għal din is-Sejħa ovvjament ma setgħetx tkun involuta fil-process u naħtru lil Ex Segretarju Ezekuttiv is-Sur Anthony Attard bħala Segretarju tal-bord u l-kunsilliera kollha għandhom jiffurmaw il-bord fl-interess tal-Kunsill.

## 7. Sejħa għal Librara.

7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet għadha ma ħarġitx is-sejħa għal librara għaliex kienet ikkonsultat mal-Malta Libraries biex tkun konforma ma dawn iż-żminijiet. Għandha tieħu risposta aktar tard u kif ikollna risposta kellha toħroġ din is-sejħa. Bħala Bord għal għażla għas-Sejħa ta' Librara għandu jkun l-istess Kunsill flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-Bord.

**8. Ħwejjeġ oħra**

**Is-Sindku**

8.1 Is-Sindku qal li rċieva talba mingħand Antonielan Xuhal u Rachid Xuhal, dawn fetħu club tal-ġiri u xtaqu jagħmlu tellieqa ta' 5 k f'Ħal Saf. It-tellieqa mhix ser iddum u għandhom jieħdu ħsieb kollox huma anki pulizija.Tibda u tispicca l-pjazza. Jixtiequ jagħmlu waħda f'Marzu u oħra f'Diċembru tas-sena d-dieħla Il-kunsill qablu li għandha ssir din it-tellieqa.

8.2 Rigward it-Town Twinning ma' Sqallija s-Sindku qal illi ser ikun hemm xi spejjeż żgħar għal kunsill, xi momento żgħir u xi ikel sabiex issir mejda Maltija.Is-Sindku qal ukoll li bħala passaġġ kellna €50 kull persuna pero' dan qbiżnih bi ftit.ukoll. Il-kunsill qabel li l-Kunsill għandu joħroġ id-differenza.

8.3 Is-Sindku qal ukoll rigward talba ta' TowerCrane fi Triq San Tumas fejn il-maħżen. Il-problema hija li għalkemm ma ngħalqitx it-triq xorta waħda van kbir ma jgħaddix. Għalkemm waqt li ser tkun qed tahdem ser ikollha warden u għandha kollox skond il-ligi, xorta hemm din il-problema. Vann li jkun tiela' ma jkunx jista' jdur u allura jkollu jirriversja t-triq kollha. Saret diskussjoni u ntlaħaq ftehim li temporanjament nagħmlu one way fejn il-muzew, il-vetturi ma jistgħux jitilgħu l-fuq, u fejn ta' Barber titgħatta t-tabella ħalli l-karozzi jkunu jistgħu jibqgħu neżlin. (kif kienet qabel).

**Il-Viċi Sindku**

8.4 Il-Viċi Sindku qal li Ta' Gawhar għollejnih bil-ġebel u jissuġerixxi li tingħalaq il-parti ta' quddiem l-ewwel tal-inqas inqabbdu xi ħadd bit-traktor jgħaddi bil-frieket biex jitneħħa l-ġebel kbir sabiex din terġa tkun nadifa. Hekk sena wara sena nkunu nistgħu naħartuha u nżommuha nadifa.

8.5 Il-Viċi Sindku qal li l-proġett tal-Ħlantun niżlu l-ħaddiema u qatgħu l-ħaxix, pero' l-art għandha bżonn l-għajnuna għaliex l-inspections qiegħdin iċiedu speċjalment bit-trukkijiet mimlijin. Anki qed jintefa' l-ħmieġ u jitħawlu sigar mhux deskritti għal mal-proġett gol-kantunieri. Il-Viċi Sindku qall li għandna nagħmlu maintenance speċjalment lil dawn l-inspection boxes pero' s-Sindku kkonferma li l-ħaddiema tagħna rranġaw xi inspections u kif jgħaddu l-trakkijiet dawn jerġgħu jinżlu.

8.6 Il-Viċi Sindku ukoll rraporta żewġ bozoz, it-tieni waħda fi Triq il-Ħajt Ruman u waħda fi Triq Dun Karm Lia fil-kantuniera li tmiss mal-għelieqi.

**Il-Kunsilliera Joanna Abdilla**

8.7 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li rciviet talba sabiex isiru double yellow fi Triq il-Punici ghaliex persuna li tghix f'din it-triq ma tkunx tista' tohroġ il-karozza mill-garage minħabba li jkun hemm karozza pparkjata mal-koxxa tal-garaxx. Sar qbil li nagħmlu kaxxi dotted sofor imma qabel nikkonsultaw mar-residenti tat-triq u sidien tal-garaxxijiet.

8.8 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet ukoll illi għandu jsir ħasil tal-bankijiet li hemm fil-pjazza tar-raħal u f'Misraħ il-Knisja specjalment dak li hemm taħt is-sigar mal-Każin tal-Banda.

8,9 Il-kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet kienx hemm xi żvilupp fuq il-xelters. Il-Viċi Sindku kkonferma illi kien hemm xi korrispondenza bejn l-Ex Segretarju Eżekuttiv u l-kuntrattur. Il-kuntrattur ma kienx rrisponda lil xi Segretarju Eżekuttiv pero' l-Viċi Sindku għandu jerġa' jkellem lil kuntrattur.

8.10 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kien hemm xi persuna lmintat li r-rampa tal-isqaq wara l-kazin li tagħti għal Triq in-Nassaba għandha parti li tiġi mal-ewwel fit-triq.Il-Kunsill qabel li d-diżlivell huwa għoli għalhekk biex nirringawha rridu noħolqu tarġa jew inkella rridu nidħlu fi spiża kbira sabiex nirranġawha u tibqa' rampa paxxuta.

8.11. Il-kunsilliera Joanna Abdilla lmintat ukoll li Triq il-Kuċċard iċ-ċint qiegħed ġej għoli wisq u l-veduta' mgħottija u almenu għandha tiġi għolja daqs Valletta Road fiż-Żurrieq. Joanna talbet lis-Sindku sabiex ikellem lil Transport Malta u s-Sindku kkonferma li transport Malta qalulu li ċ-ċint assikurawh li għandu jiġi skond il-liġi.

8.12 Il-kunsilliera Joanna Abdilla ssuġġeriet li r-range tal-isparar li hemm forsi tmur Ħal Far u nagħmluha Park. Saret diskussjoni pero' l-Kunsilliera qablu li xi ħaġa diffiċli minħabba l-Armata. Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba fejn ngħidu li aħna għandna użu għaliha għal tisbiegħ fir-raħal u kulturali.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:05 pm

9.2 Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016.

Sindku
Johan Mula

Deputat Segretarju Eżekuttiv
Doris Baldacchino

Iffirmati